MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2012

Numru. 418/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**vs**

**GRACE SAFTA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Grace Safta ta' 51 sena, bint Anthony Calleja u Anna nee' Baldacchino, imwielda Qormi fit-08/03/1957, residenti 113 Triq il-Kbira, Qormi u detentrici tal-karta ta' l-identita bin-numru 248557M

Giet akkuzata talli fix-xhur ta' April u Mejju 2008 f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnha fi zminijiet

differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u gew maghmula minnha b'rizoluzzjoni wahra, (Art. 18 Kapitlu 9)
1. permezz ta' diversi karti miktubin, sew jekk anonimi kemm jekk kienu iffirmati bl-isem taghha nnifisha jew b'isem mahluq, heddet lil Ruben Tanti detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 391267M, b'xi delitt, kifukoll fil-kaz ta' theddid bil-fomm, kien hemm ordni jew kundizzjoni, (Art. 249(1)(2) Kapitlu 9)
2. u aktar talli bil-hsieb li testorci flus jew xi hag'ohra, jew li taghmel xi qligh jew bil-hsieb li ggieghel lil Ruben Tanti jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga hedditu li taghmel malafama lill istess Ruben Tanti, (Art. 250(1) Kapitlu 9)
3. u aktar talli gaghbet ruhha b'mod li taghti fastidju lill Ruben Tanti u Claudine Tanti detentrici tal-karta ta' l-identita bin-numru 165671M u b'mod li kien taf jew li missha kienet taf li dan kien ta' fastidju ghal dawn il-persuni (Art. 251A(1)(a)(b) Kapitlu 9)
4. u aktar talli bl-imgieba taghha ikkagunat lil Ruben Tanti u Claudine Tanti li se tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta taghhom jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti taghhhom jew dixxendenti taghhom, (Art. 251B(1) Kapitlu 9)
5. u aktar talli fid-29/04/2008 ghal-habta ta' 13:30hrs, Gewwa l-Ghassa tal-Pulizija Valletta, ingurjat jew heddet jew ghamlet offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe' PS 325 Patrick Bonnici waqt li kien ghamel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz bil-hsieb li tbezzghu jew tinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, (Art. 95 Kapitlu 9)
6. u aktar talli ma ghobdietx l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija, persuni nkarigati minn servizz pubbliku jew fixklet waqt li kienu qed jaghmlu id-dmirijiet taghhom, (Art. 338(ee) Kapitlu 9)
7. u aktar talli fid-29/04/2008 ghal-habta ta' 13:30hrs, Gewwa l-Ghassa tal-Pulizija Valletta kisret il-bonordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied, (Art. 338(dd) Kapitlu 9)
8. qalet fil-pubbliku kliem oxxen jew indicenti li joffendi l-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika (Art. 338(bb) Kapitlu 9)

9. u aktar talli ngurjat u/jew heddet lil Ruben Tanti bi kliem (Art. 339(e) Kapitlu 9)
10. u aktar talli rendiet ruha recidiva b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Malta preseduta mill-Magistrat Dr. S. Demicoli LL.D. nhar it-28/03/2007, liema sentenza hija defenittiva u ma tistghax tigi mhassra.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412 (c) fejn tiprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Ruben Tanti u Claudine Tanti u r-residenza taghhom kif ukoll il-post li tali persuna tiffrekwenta.

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Ruben Tanti u Claudine Tanti u l-familja taghhom ai termini ta' l-Artikolu 382A et sequitur, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok JGP1 u nnutat li l-imputata Grace Safta m'ghandiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputata iddikjarat li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata wiegbet li hija hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u d-Difiza iddikjaraw li jaqblu li l-imputata Grace Safta ghandha problema serja ta' *anger management* u jkun ghalhekk opportun li l-Qorti tikkunsidra l-possibilita' li tpoggi lill-imputata taht Ordni ta' Probation sabiex l-istess imputata tkun assistita dwar din il-problema.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 249(1) u (2), 250(1), 251A(1)(a) u (b), 251B(1), 95, 338(ee), 338(dd), 338(bb), 339(1)(e), 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata Grace Safta, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha, u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi dak dikjarat mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta li tpoggi lill-imputata Grace Safta taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili u sabiex tkun assistita tgheleb il-problema ta' *anger management* u inoltre tikkundanna lill-imsemmija imputata Grace Safta ghall-piena ta' hames mitt Ewro (Ewro 500) multa.

Il-Qorti tordna li d-Digriet anness ma' din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Probation Order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta' kopja ta' din is-Sentenza u tad-Digriet anness ma' din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputata Grace Safta.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-imsemmija Grace Safta kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti, a tenur tal-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputata Grace Safta b'obbligazzjoni personali ta' Ewro 1000 li zzomm il-kwiet ma' Ruben Tanti, Claudine Tanti u PS 325 Patrick Bonnici u li zzomm il-bonordni pubbliku ma' kullhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti tat lill-imputata Grace Safta l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------